MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2008

Numru 745/2008

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Mario Fabri, iben Laurence, imwieled Fgura fit-12 ta' settembru, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-12 ta' Awwissu, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa l-fond numru 57A, Triq San Nikola, Bormla mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija zamm f'dar ta' abitazzjoni l-kwantita' żejda minn kilogram u nofs użin ta' porvli ta' l-isparar jew esplozivi oħra liema dar hija fil-viċinanzi ta' postijiet oħra mgħammra minn nies.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Awwissu, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 9 u 29(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Tordna l-konfiska tal-polvri kollha misjuba fil-pussess ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------